**26 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D.**

Thomas Montalto

*versus*

Il-Maġġur Stanley J.A. Clews *Chairman* tat-Tribunal Industrijali *et*

**Ġurisdizzjoni – Tribunal Industrijali – Mandat ta' Impediment tas-Safar**

*La l-aċċettazzjoni tan-notifika u lanqas id-dehra quddiem il-Qorti taħt protesta ma huma, fihom infushom, sottomissjoni volontarja għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti meta tingħata eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni.*

*Għalkemm huwa minnu li l-Kostituzzjoni teskludi mill-iskrutinju tal-qrati kwistjonijiet dwar jekk xi awtoritajiet ikunux qdew validament xi funzjoni mogħtija lilhom, huwa wkoll minnu li meta*

*tittratta dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, il-Kostituzzjoni ma tippermettix eċċezzjonijiet ħlief fejn tgħid hekk kategorikament.*

*Skond il-Kostituzzjoni, il-kliem "qorti" u "tribunal" jew "awtorità" oħra ġudikanti, ma jfissrux l-istess ħaġa. Għalhekk, meta l-Kostituzzjoni tuża l-kelma "qorti" ma nistgħux ngħidu li b'dik il-kelma riedet tinkludi wkoll xi awtorità oħra ġudikanti għax b'dik il-kelma tifhem biss Qorti Superjuri, ippresjeduta minn Imħallef, u Qorti Inferjuri, ippresjeduta minn Maġistrat.*

*Għalhekk, it-Tribunal Industrijali ma hux "qorti" skond il-Kostituzzjoni, u ċ-Chairman ta' dak it-Tribunal jista' jkun imħarrek quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kemm fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha kif ukoll f'dik ċivili.*

*Il-Prim'Awla għandha ġurisdizzjoni doppja fuq it-Tribunal Industrijali: li tara li dan it-Tribunal jimxi skond il-liġi u fil-limiti tal-liġi u skond il-Kostituzzjoni; u li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma jikser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Għalkemm il-mandat ta' impediment tas-safar huwa mandat kawtelatorju, jista' jinħareġ ukoll wara sentenza, iżda l-iskop tiegħu jibqa' dejjem dak li titqiegħed fiż-żgur pretensjoni li tista' tiġi skartata bis-safar tal-persuna li kontra tagħha hemm dik il-pretensjoni. Għalhekk, jekk din il-pretensjoni hija ġà kkawtelata, ma hemmx aktar lok għala għandu jinżamm il-mandat.*

Il-Qorti –

Rat ir-rikors ta' Thomas Montalto fejn wara li espona riverentement illi:

1. L-imsemmija Lucienne Chircop tippretendi li hija kreditriċi ta' l-esponent fis-somma ta' tlett elef ħames mija tnejn u erbgħin lira sitta u sittin ċenteżmu u disa' milleżmi fl-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Nru. 277 ta' l-4 ta' Novembru

1986 fl-ismijiet **Lucienne Micallef** ***vs Montreal Company Limited;***

2. L-esponent ikkontesta dan il-kreditu b'ċitazzjoni pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Thomas Montalto** ***vs*** **Lucienne Chircop** ***et*** (Ċit. Nru. 1081/86F);

3. L-imsemmija Chircop, biex tikkawtela dan il-pretiż kreditu, talbet u otteniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tas-Safar kontra l-esponent (Nru. 2008/86) fil-Qorti tal-Kummerċ;

4. L-esponent, biex jottjeni l-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat, iddepożita fir-Reġistru ta' dik il-Qorti l-ammont intier pretiż mill-imsemmija Chircop u dik il-Qorti għalhekk ħarġet il-kontro-mandat opportun;

5. L-imsemmija Chircop, għalkemm il-kreditu tagħha kien ġà interament ikkawtelat b'depożitu fil-Qorti, abbużivament u illegalment talbet u otteniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Impediment tal-partenza ieħor mit-Tribunal Industrijali (Nru: 1 ta' l-1987) kontra l-esponent kif fuq ingħad;

6. Illi l-esponent ipprova jottjeni l-ħruġ ta' kontro-mandat b'talba fejn espona li dan il-kreditu kien ġà interament ikkawtelat, u t-Tribunal Industrijali, bi ksur tal-liġi, u partikolarment tad-disposizzjoni ta' l-artikolu, 868A tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ċaħad it-talba għall-ħruġ tal-kontro-mandat;

7. Illi l-esponent reġa' pprova jottjeni l-ħruġ tal-kontro-mandat mit-Tribunal Industrijali, billi **reġa' għat-tieni darba ddepożita l-ammont intier** fit-Tribunal Industrijali;

8. Illi minkejja din il-kawtela doppja, f'depożitu ta' flus kontanti, it-Tribunal Industrijali ċaħad it-talba tal-ħruġ ta' kontro-mandat b'digriet kamerali ta' l-14 ta' April 1987;

9. Illi l-esponent impunja dawn in-nullitajiet u illegalitajiet kollha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża fl-ismijiet **Thomas Montalto *vs* Lucienne Chircop** deċiża bl-urġenza fit-18 ta' April 1987;

10. Illi f'din is-sentenza, din l-Onor. Qorti: (1) stabbiliet illi l-kreditu pretiż mill-intimata huwa suffiċjentement ikkawtelat; (2) iddikjarat illi ċ-ċaħdiet għall-ħruġ tal-kontro-mandat magħmulin mill-intimat Clews kienu nulli u jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u (3) ordnat illi s-sentenza tagħha tkun esegwibbli provviżorjament;

11. Illi *stante* din is-sentenza ta' din l-Onor. Qorti, l-esponent fl-20 ta' April 1987 ippreżenta **it-tielet** talba għall-ħruġ tal-kontro-mandat ta' l-impediment tas-safar (Dok. A);

12. Illi bi sfida għall-awtorità ta' din il-Qorti u bi spreġju għal-liġi u għall-ġustizzja, l-intimat Clews, jew min kiteb id-digriet għalih, għat-tielet darba ċaħad it-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat b'motivazzjoni arroganti u illegali; Dok. B;

13. Illi dan l-aġir ta' l-intimati li qiegħed iżomm lill-esponent arbitrarjament milli jgawdi d-dritt fundamentali tiegħu għal-libertà tal-moviment jikkostitwixxi ksur flagranti ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, oltre illi jikkawżalu danni inkalkolabbli li għalihom l-esponent qiegħed jagħmel ir-riservi l-aktar ampji;

Talab l-esponent li din il-Qorti jogħġobha bil-massima urġenza tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawn l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fosthom:

1. li tiddikjara lill-intimat Clews ħati ta' ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tad-drittijiet fundamentali protetti mill-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni;

2. toħroġ immedjatament il-kontro-mandat għall-mandat ta' l-impediment tas-safar Nru. 1 ta' l-1987 maħruġ mill-intimat Clews fuq talba ta' l-intimata Chircop;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-Maġġur Stanley J.A. Clews *Chairman* tat-Tribunal Industrijali fejn wara li espona bir-rispett:

1. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċċepixxi l-*carenza d'azione* da parti tar-rikorrent Montalto fil-konfront ta' l-esponenti bħala ġudikant presjedenti t-Tribunal Industrijali kif ukoll ta' l-esponenti bħala rappreżentanti dak it-Tribunal u għalhekk fil-konfront ta' l-istess Tribunal, li bħal kull Qorti huwa awtorità ġudikanti imwaqqfa kostituzzjonalment b'liġi;

Huwa prinċipju ġenerali paċifikament aċċettat illi la Qorti u lanqas Imħallef, Maġistrat jew Ġudikant ieħor ta' Qorti jew ta' awtorità ġudikanti oħra stabbilita skond il-Kostituzzjoni ma jista' jiġi azzjonat ġudizzjarjament biex jirrispondi għall-operat fil-mansjonijiet u funzjonijiet tiegħu f'dik il-kariga. Kieku dan ma kienx hekk kull Imħallef jew Ġudikant ieħor kif fuq intqal ikun passibli ta' proċeduri ġudizzjarji għall-qadi tad-doveri tal-

kariga għolja tiegħu, biex jirrispondi għaliex ħa deċiżjoni mod u mhux mod ieħor, u jkun responsabbli personalment għaddanni fil-każ li ġudikant ieħor ma jaqbilx miegħu, b'tali mod li kull ġudikant ikun jista' jiġi kkundannat minn ġudikant għaddanni u hekk *ad infinitum* fejn ġudikanti ma jaqblux x'kellha jew x'għandha tkun id-deċiżjoni korretta f'kull każ li jiġi għall-konjizzjoni tagħhom. Hekk Imħallef tal-Qorti Ċivili Prim'Awla jew Sekond'Awla jiġi kkundannat minn kollega tiegħu li ma jaqbilx miegħu fuq sentenza jew digriet li jkun ta, imbagħad anke Imħallef ieħor jista' ma jaqbilx ma' dik il-kundanna u *a sua volta* jikkundanna lill-kundannatur *et sequitur*. Dan jista' jiġi estiż għall-ġudikanti kollha tal-qrati kollha u awtorità ġudikanti oħrajn;

2. Illi dejjem in linea preliminari għalkemm, indipendentement mill-premess, l-esponenti jeċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti li tieħu konjizzjoni tar-rikors biex tidħol u teżamina deċiżjoni tat-Tribunal fuq imsemmi biex tara jekk taqbilx magħha u biex eventwalment f'każ negattiv tissostitwixxi d-deċiżjoni tagħha għal dik tat-Tribunal li skond il-liġi hija vestita esklussivament fiha ma hijiex suġġetta għar-reviżjoni ta' ebda Qorti jew awtorità ġudikanti oħra, hija, fil-każ *in specie,* esekuzzjoni ta' sentenza espressament vestita wkoll bil-Liġi fit-Tribunal meta anke ż-żewġ awtoritajiet jiġifieri din il-Qorti u t-Tribunal huma ugwalment awtorevoli iżda separati u distinti f'dik l-awtorevolezza mingħajr ombra ta' interdipendenza. F'dan il-kuntest jiġi rrilevat ukoll illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal, bħal ċerti deċiżjonijiet ta' qrati oħra, ma humiex rivedibbli *per via* ta' appell lil tribunal jew qorti oħra, u għalhekk ir-rikorrent ma jistax bil-preżenti proċeduri jirrikorri kif qiegħed jagħmel għal espedjent biex imur kontra deċiżjoni li hija minnha nfisha inġudikata *(sic);*

3. Illi dejjem indipendentement mill-premess u in linea subordinata, tajjeb li jiġi rrilevat għal kull buon fini illi skond il-liġi t-Tribunal imsemmi għandu espressament ġurisdizzjoni esklussivament bl-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu bil-mod preskritt fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (art. 34(3) ), u għandu l-poteri kollha li bl-istess Kodiċi huma vestiti fil-Qorti tal-Kummerċ (art. 30(1) ) li *del resto* huma l-poteri li għandha din il-Qorti. Hawnhekk ta' min jirrileva illi dak il-Kodiċi huwa b'disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta (art. 47(7) ) salvat fis-sens illi proċeduri ġudizzjarji taħt il-provvedimenti tiegħu ma jistgħux jitqiesu li huma inkonsistenti ma', fost l-oħrajn, il-provvedimenti ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrenti bħala l-kawża u l-bażi ta' l-azzjoni tiegħu preżenti;

4. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet ikkontenuti fir-rikors in risposta għandhom jiġu miċħudin bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

5. Illi l-esponenti jirriserva kull eċċezzjoni oħra spettanti skond il-liġi għal stajdi ulterjuri tal-proċediment preżenti jekk ikun il-każ;

6. Illi ma' din ir-risposta qed tiġi esebita kopja tal-protest ippreżentat fit-8 ta' April 1987 (Dok. A);

Rat ukoll in-nota responsiva ta' Lucienne Chircop fejn esponiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok hija taqbel ma' l-*award* tat-Tribunal Industrijali mogħti fil-każ tagħha, liema *award* huwa kompletament finali skond il-liġi u għalhekk kwalunkwe proċedura intiża biex tibdel dan l-*award* hija nulla u bla effett;

2. Subordinatament illi hija tirreferi għall-motivi illi jista' jagħti ċ-*Chairman* tat-Tribunal Industrijali biex jiġġustifika l-aġir tiegħu;

3. Illi *una volta* illi l-*award* tat-Tribunal jikkonstitwixxi ġudizzju finali a favur tagħha, l-esponenti għandha d-dritt illi titħallas l-ammont kollu skond l-istess *award* u għalhekk it-tentattivi kollha ta' l-istess rikorrent biex hija ma titħallasx flusha huma vessatorji. Dan jidher ukoll mill-fatt illi wara l-istess *award,* kien l-istess Thomas Montalto illi ddepożita elf lira (Lm1000) għand il-konsulent tiegħu biex dawn jiġu mgħoddija lill-esponenti. Dan juri illi l-istess Thomas Montalto kien aċċetta kompletament l-*award* tat-Tribunal Industrijali liema *award* kien ibbażat preċiż fuq skrittura ffirmata mill-istess Thomas Montalto u għalhekk kull azzjoni li ttieħdet wara hija azzjoni abusiva illegali u vessatorja;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri u dokumenti esebiti;

Rat id-digrieti mogħtija;

Semgħet lix-xhieda prodotta;

Ittrattat eżawrentement ir-rikors u r-risposta intavolati mill-intimati *proprio et nomine;*

Ikkunsidrat illi dwar il-fatti *ut sic* ta' kif żvolġa l-każ in diżamina m'hemmx xi kontestazzjoni ta' rigward bejn il-partijiet. Il-pern tal-kontestazzjoni hu verament wieħed ta' dritt. In suċċint, jirriżulta li l-intimata Lucienne Chircop otteniet *award*

favoriha mit-Tribunal Industrijali fi proċedura inizjata minnha u deċiża fl-1 ta' Novembru 1986 *in re* **Lucienne Chircop *vs* *Montreal Company Limited,*** (Deċiżjoni numru 277). Thomas Montalto, ir-rikorrent, ikkontesta dina l-*award* b'ċitazzjoni, pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċitaz. 1081/86F). Nel frattemp, l-intimata Chircop otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' Impediment ta' Safar kontra r-rikorrent fil-Qorti tal-Kummerċ (Mandat numru 2008/86). Għall-fini ta' kontro-mandat, ir-rikorrent iddepożita fir-Reġistru ta' dik il-Qorti l-ammont intier, kif imsemmi fl-*award,* u dik il-Qorti akkordat it-talba tiegħu għall-ħruġ ta' kontro-mandat. L-intimata Chircop sussegwentement talbet u otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' impediment tal-partenza ieħor mit-Tribunal Industrijali (numru 1/87). Ir-rikorrent għamel talba quddiem it-Tribunal Industrijali għalbiex jinħareġ kontro-mandat, iżda t-talba tiegħu ġiet miċħuda. Ir-rikorrent iddepożita għal darb'oħra l-ammont intier fit-Tribunal Industrijali. It-Tribunal però mill-ġdid ċaħad it-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat b'digriet kamerali ddatat l-14 ta' April 1987;

Ir-rikorrent ippreżenta ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċit. Nru. 327/67VBC) li ġiet deċiża bl-urġenza fit-18 ta' April 1987. F'dina ċ-ċitazzjoni, ir-rikorrent odjern iddeduċa tliet talbiet, jiġifieri:

1. Dikjarazzjoni illi l-"pretiż kreditu" ta' l-intimata Chircop huwa suffiċjentement ikkawtelat;

2. Li l-mandat ta' l-impediment tas-safar numru 1 ta' l-1987 tat-Tribunal Industrijali jiġi ddikjarat null u bla effett;

3. U li ż-żewġ digrieti kamerali ta' l-istess Tribunal

Industrijali fejn ġew miċħuda t-talbiet għalbiex jinħareġ kontro-mandat, jiġu rrevokati bħala nulli, abbużivi u illegali;

Fid-deċiżjoni tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddisponiet hekk billi:

1. Ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae* ssollevata mill-konvenuta;

2. Laqgħet l-ewwel talba u ddikjarat illi l-kreditu pretiż mill-intimata Chircop kien suffiċjentement ikkawtelat;

3. Ċaħdet it-tieni talba fejn ġiet mitluba tiddikjara null u bla ebda effett il-Mandat ta' Impediment ta' safar magħmul quddiem it-Tribunal;

4. Laqgħet it-tielet talba u rrevokat ż-żewġ digrieti kif imsemmija *supra* fil-paragrafu ta' qabel dana "inkwantu dawn huma nulli u jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li japplikaw għar-revoka ta' mandati ta' impediment tas-safar";

5. Fl-aħħarnett, dina l-Qorti laqgħet ukoll it-talba tar-rikorrent li d-deċiżjoni tagħha tkun esegwibbli provviżorjament. Dina d-deċiżjoni ġiet appellata mill-intimata Chircop u tinsab pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell;

Ir-rikorrent ippreżenta għat-tielet darba talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-mandat ta' l-impediment tas-safar u dana fl-20 ta' April 1987, liema talba però ġiet miċħuda mill-ġdid mit-Tribunal Industrijali. Illi d-digriet tat-Tribunal (Dok. B a fol. 6) immotiva ċ-ċaħda tiegħu għas-segwenti raġunijiet:

a. Illi dik il-Qorti (u dana presumbilment għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili) m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tindaħal fil-funzjonijiet ta' dan it-Tribunal;

b. Li l-mandat in kwistjoni huwa esekuttiv tad-deċiżjoni tat-Tribunal, li skond l-istess sentenza għaddiet in ġudikat, u *nonostante* dan, il-pagament għadu ma sarx;

ċ. Illi d-depożitu kondizzjonat u mhux 'liberalment' żbankabbli ma jammontax għall-pagament skond il-liġi li jissodisfa d-deċiżjoni definittiva tat-Tribunal;

Il-Qorti tagħmel riferenza għall-verbal ta' l-14 ta' Mejju 1987 quddiem din il-Qorti fuq talba tal-patroċinat ta' l-intimat Clews *Chairman* tat-Tribunal Industrijali fir-rigward tal-paragrafu 12 tar-rikors promotur. Il-Qorti taqbel li r-rikorrent, jew il-patroċinant tiegħu, setgħu qalu l-istess ħwejjeġ li riedu jissottomettu bla ħtieġa ta' aġġettivi goffi jew frażijiet mhux meħtieġa u għalhekk tordna li dana l-paragrafu jiġi kkanċellat u floku jitħallew biss il-kliem: "L-intimat Clews għat-tielet darba ċaħad it-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat";

Il-Qorti nnutat b'sodisfazzjon illi, fl-istess verbal, l-Avukat Dottor Vincent Degaetano ddikjara li, riferibbilment għan-nota ffirmata minnu u li ġiet sfilzata fuq ordni tagħha, huwa ma kellu ebda ħsieb li b'xi mod ikun insolenti lejha u l-iskop tiegħu kien unikament li jissottolinea kwistjonijiet ta' indoli legali. In-nota sussegwenti riċevuta mill-Imħallef sedenti, din id-darba ffirmata mill-intimat Clews, ġiet mibgħuta lill-Aġent President tar-Repubblika u lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja ta' allura, kif ukoll dak tal-lum, u l-proċeduri in konnessjoni ma' dina n-nota għadhom pendenti;

Mix-xhieda mismugħa inoltre jirriżulta illi l-intimata Chircop otteniet ukoll mandati ta' sekwestru kontra r-rikorrent u ieħor kontra s-soċjetà *Montreal Company Limited;*

Fir-risposta tiegħu, il-Maġġur Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, eċċepixxa l-*carenza d'azione* da parti tar-rikorrent fir-rigward tiegħu bħala ġudikant presjedenti t-Tribunal Industrijali, u għalhekk fil-konfront ta' l-istess Tribunal, li "bħal kull Qorti oħra" – jgħid il-Maġġur Clews – "huwa awtorità ġudikanti mwaqqfa kostituzzjonalment b'liġi". Barra minn hekk, l-istess intimat eċċepixxa wkoll in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti; u, subordinament, eċċepixxa li t-Tribunal imsemmi għandu, skond hu dejjem, "ġurisdizzjoni esklussiva fil-materja minnu deċiża" u li kien vestit b'tali poteri a tenur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema disposizzjonijiet huma "salvati" fis-sens illi l-proċeduri ġudizzjarji taħt il-provvedimenti tiegħu ma jistgħux jitqiesu li huma inkonsistenti ma', fost l-oħrajn, il-provvedimenti ta' l-art. 44 tal-Kostituzzjoni invokat mir-rikorrent bħala l-kawża u l-bażi ta' l-azzjoni preżenti";

L-intimat Clews, permezz tal-legali tiegħu, irrefera, fost l-oħrajn, għall-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni fejn insibu illi "*Any court or other adjudicating authority prescribed by law for the determination of the existence or the extent of civil rights or obligations shall be independent and impartial.....";*

Mill-bidu sa l-aħħar tas-smigħ tal-kawża tenna l-posizzjoni minnu meħuda illi huwa ma jaċċettax il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, u li min jikkontesta ġurisdizzjoni ma jfissirx li joqgħod għaliha. Fin-nota tiegħu li ġiet sfilzata ħass il-ħtieġa li jirreferi għal ordni leġittima mogħtija minn din il-Qorti billi jpoġġiha

*tra virgoletti*. Altriment, spjega l-abili Dottor Vincent Degaetano, wieħed seta' jinterpreta n-nota bħala forma ta' sottomissjoni lejn dina l-Qorti. Il-Qorti ġiet ukoll riferita għad-deċiżjoni *in re:* **J. Coburn *et vs Air Vice Marshal* G. Jones *noe et*** mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Jannar 1969. Dina l-preokkupazzjoni ta' l-intimat Clews mhix infondata. Kien hemm żmien li fl-Ingilterra anki s-sempliċi aċċettazzjoni tan-notifika ġiet ikkunsidrata bħala sottomissjoni volontarja għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti u ġiet hekk ikkunsidrata l-komparizzjoni quddiem il-Qorti mqar jekk kienet taħt protest u sempliċement biex tiġi deklinata l-ġurisdizzjoni. Fil-każ in diżamina, il-Qorti ma kellhiex il-pjaċir li tara preżenti fl-Awla lill-Maġġur Clews. Deher biss il-konsulent legali tiegħu. Skond il-preċitatata deċiżjoni però ġie rritenut illi, bħala regola, **ma jistax jingħad** illi s-sempliċi aċċettazzjoni tan-notifika u anqas komparizzjoni taħt protesta biex tiġi deklinata l-ġurisdizzjoni huma, fihom infushom, sottomissjoni volontarja għall-ġurisdizzjoni. Din il-ġurisprudenza ġiet segwita u applikata mill-Qorti nostrali u ġiet iċċitata d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fit-13 ta' Diċembru 1966 *in re:* **Dr. M. Refalo *vs Capt.* P. Bugeja**(ara wkoll awtorità ċċitati fiha). Ir-regola ġusta tidher li hi illi l-kwistjoni jekk persuna ssottomettitx ruħha jew le għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ";

Għandu jingħad li ebda waħda mill-partijiet m'hija tiċħad il-fatt illi t-Tribunal Industrijali huwa mwaqqaf legalment u kostituzzjonalment;

Il-kwistjoni preliminari hi dwar il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti *di fronte* l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, f'każ ta' allegat ksur ta' l-istess kostituzzjoni, u ċjoè l-art. 44, u dwar jekk dana l-intimat hux azzjonabbli. Id-difensur

ta' dan l-intimat saħaq fuq il-fatt li hawn *non si tratta* ta' kummissjoni jew ta' xi kap ta' dipartiment imma ta' "Qorti". Naturalment l-abili difensur kien a konjizzjoni ta' deċiżjonijiet *in materia* mogħtija ripetutament mill-Qorti Kostituzzjonali f'każi li jinvolvu kummissjonijiet jew awtoritajiet oħra. Anzi, il-Qorti Kostituzzjonali marret ferm aktar minn dak li jiddisponi l-art. 124(10). Dana l-artikolu tal-Kostituzzjoni huwa intiż biex jinterpreta termini varji ta' l-ogħla liġi tal-pajjiż u jgħid espressament illi: "Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suġġetta għad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra fl-eżerċizzju ta' xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma għandha tiftiehem bħala li tipprekludi Qorti milli teżerċita ġurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra";

Għalkemm, per eżempju, il-Kostituzzjoni tagħna tagħti protezzjoni lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku minn proċedura legali, il-Qorti Kostituzzjonali *in re:* **V. Galea *vs* *Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *et*** b'sentenza *in parte* mogħtija fil-21 ta' Jannar 1985 irriteniet illi:

".....jekk hu veru, kif inhu veru, li l-Kostituzzjoni teskludi mill-iskrutinju tal-Qrati tal-pajjiż kwistjonijiet dwar jekk il-*Public Service Commission* tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond il-Kostituzzjoni **daqstant ieħor hu veru li meta tittratta fuq id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn riedet li jkun hemm eċċezzjonijiet dan qalitu kategorikament; b'mod li din il-Qorti sempliċement ma tistax taċċetta li oltre dak ipprovdut fl-istess Kostituzzjoni fil-Kap. IV hawn xi ħadd jew xi ħaġa li għaliha l-istess kap seta' ma**

**sar xejn.** (Sottolinear ta' dina l-Qorti);

Id-difensur ta' l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, issottometta però li hawn *si tratta* ta' *"an adjudicating authority"*, fi kliem ieħor "qorti" bis-setgħa partikolari għalih kompriża dik illi jinterpreta *award* u dana mingħajr id-dritt ta' appell. Dan ifisser, issottomettew id-difensuri taż-żewġ intimati, li dak li wieħed ma jistax jagħmel direttament *per via* ta' reviżjoni ma jistax jagħmlu indirettament. Ġiet iċċitata wkoll id-deċiżjoni *in re:* **Cecil Pace *et vs* l-Avukat Ġenerali *et*** deċiża mill-Prim'Awla fil-21 ta' April 1977. F'din id-deċiżjoni però ġie biss ribadit il-prinċipju li l-kawża ta' indoli kriminali, anzikè ċivili, ma tidħolx fil-kompetenza tagħha u dina d-deċiżjoni eluċidat aktar id-dispositiv ta' l-art. 32 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

*Stante* li hija "qorti oħra", issottometta d-difensur ta' l-intimat *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, dina l-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni fuq iċ-*Chairman*, u *in vista* ta' dak illi jingħad fl-art. 47(7), l-aġir tiegħu qatt ma jista' jitqies għall-fini ta' allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

Bir-rispett kollu lejn l-għaref difensur ta' l-intimat *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, dina l-Qorti ma tikkondividix l-argumenti tiegħu *in subiecta materia*. Ibda biex meta l-Kostituzzjoni ssemmi l-ġuddizzjarju taħt il-Kapitolu VIII mill-art. 95 'il quddiem issemmi biss il-Qrati Superjuri ppresjeduti minn Imħallfin u l-Qrati Inferjuri ppresjeduti minn Maġistrati. La jissemmew tribunali u lanqas presidenti jew *chairmen* ta' tribunali;

Il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha *in re:* Il-

**Pulizija *vs* Emanuel Vella** deċiża fit-28 ta' Ġunju 1983 daħlet fil-kwistjoni ta' x'inhu is-sinifikat veru tal-kelma "qorti" u rriteniet: ".....li skond il-Kostituzzjoni t-termini "qorti" u "tribunal" jew "awtorità" oħra ġudikanti m'humiex ekwipollenti u ma jintużawx indiskriminatament wieħed għall-ieħor. Meta trid tfisser "tribunal" jew "awtorità" oħra ġudikanti, il-Kostituzzjoni tgħidu u għalhekk meta tuża t-terminu "qorti" waħdu ma nistgħux nestendu s-sinifikat ta' din il-kelma anke għal dak li mhux qiegħed jiġi inkluż u li meta riedet tinkludih il-Kostituzzjoni inkludietu";

Dina d-deċiżjoni però ma tieqafx biss hawn u tkompli tenunċja hekk: "Il-Kostituzzjoni fl-art. 48(1) (illum l-art. 47(1) tgħid ukoll li għall-finijiet ta' l-interpretazzjoni tal-Kapitolu IV, li jirrigwarda d-drittijiet indikati fl-imsemmi art. 40, il-kelma "qorti" tfisser kull Qorti f'Malta li ma tkunx Qorti mwaqqfa bi jew *skond liġi dixxiplinarja* u *fl-art. 34 sa 36* tal-Kostituzzjoni tinkludi dwar reat kontra liġi dixxiplinarja, qorti hekk imwaqqfa. Din id-definizzjoni turi biċ-ċar li min għamel il-Kostituzzjoni, wara li, kif ġà spjegat, iddistingwa bejn "qorti" u "tribunal" u "awtorità" oħra ġudikanti, kompla jagħmel din id-distinzjoni meta ddefinixxa l-kelma "qorti" billi ma inkludiex fiha la tribunal u l-anqas awtorità oħra ġudikanti, kif kien ikun wisq naturali jagħmel kieku ried jagħti lill-kelma "qorti" sinifikat *estensiv b'mod li tinkludi wkoll "tribunal" jew "awtorità" oħra* ġudikanti. Din il-Qorti, għalhekk – tenniet dina d-deċiżjoni – ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-kelma "qorti" tinkludi kull forma ta' tribunal jew post fejn il-ġustizzja tiġi amministrata";

Min għamel il-Kostituzzjoni bil-kelma "qorti" ried jifhem **biss** "Qorti Superjuri" jew "Qorti Inferjuri", u li l-Qrati

Superjuri jkunu komposti minn Imħallfin u l-Qorti Inferjuri minn Maġistrati, **u minn ħadd iżjed,** u dan konfermament għal dak li kien hemm diġà pprovdut fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif ukoll fil-Kodiċi Kriminali; liema żewġ kodiċijiet, skond l-art. 47(7) tal-Kostituzzjoni kellhom jibqgħu salvanti u anzi kellhom jipprevalu fuq l-istess Kostituzzjoni jekk ikunu inkonsistenti mad-disposizzjonijiet ta' l-art. 34 sa 46 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt sija l-Kostituzzjoni kif ukoll l-imsemmija Kodiċijiet jaqblu fuq il-punt taħt eżami, billi sija l-Kodiċijiet kif ukoll il-Kostituzzjoni jridu li jkun hemm biss il-Qrati Superjuri u Qrati Inferjuri, u li l-Qrati Superjuri jklunu komposti minn Imħallfin u l-Qrati Inferjuri minn Maġistrati, u minn ħadd iżjed. Dan hu dak li enunċjaw u rritenew il-Qrati tagħna. Kwindi, dana jfisser li l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, ma jreġġux, u l-alluzjonijiet tiegħu fir-risposta dwar "danni" huma barra minn lokhom. Dwar il-karika tal-Maġġur Clews sar aċċenn mill-abili difensur tar-rikorrent għall-kapitolu I tal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Qrati Ekklesjastiċi, liġi promulgata fl-10 ta' April 1828, *tutt'ora in vigore,* fejn (ara art. 7(1)) insibu li mid-data ta' dina l-Proklama 'l quddiem ebda persuna ma tkunx eżenti, minħabba l-grad, kondizzjoni soċjali jew professjoni tagħha, ċivili jew ekklesjastika, militari jew navali, jew minħabba xi privileġġ ieħor, ikun li jkun, milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-qrati sekulari, għal jeddijiet temporali, jew, għal kull rigward ieħor, milli tkun suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati msemmija fil-Proklama. Iżda, kull kawża, proċess jew proċedura oħra għandhom isiru quddiem qorti, imħallef jew maġistrat sekulari, kompetenti biex jieħdu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża, proċess jew proċedura. Għalhekk il-Maġġur Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, kjarament huwa azzjonabbli mhux biss quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali imma anke b'ġurisdizzjoni

ċivili ordinarja, dejjem fil-parametri tal-liġi. *Del resto,* l-istess Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif diversament ippresjeduta, diġà ddeliberat fuq dan, ankorkè tali deċiżjoni tinsab pendenti fil-Qorti ta' l-appell, u dan fil-kawża l-oħra (Ċit. Nru. 327/87VBC) *in re:* **T. Montalto** *vs* **L. Chircop** deċiża fit-18 ta' April 1987. F'dina d-deċiżjoni ġie ġustament ritenut illi:

F'ebda disposizzjoni ta' l-Att XXX ta' l-1976, ma hija mogħtija s-setgħa lit-Tribunal biex jiddeċidi dwar il-legalità tas-sentenzi jew deċiżjonijiet li jemanaw minnu jew dwar in-nullità tad-digrieti tiegħu li jawtorizzaw l-esekuzzjoni tas-sentenzi jew deċiżjonijiet jew dwar in-nullità ta' dawk id-digrieti li bihom tiġi miċħuda talba għar-revoka jew tħassir ta' mandati maħruġa mill-istess Tribunal;

Il-ġurisdizzjoni allura qiegħda f'dik il-Qorti li ordinarjament tieħu konjizzjoni ta' materji ta' natura ċivili li ma jkunux fdati f'xi qorti oħra bis-saħħa ta' liġi miktuba. Din hija l-Qorti Ċivili Prim'Awla";

Għalhekk mis-suespost titnissel neċessarjament il-konklużjoni illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija duppliċi. F'dawn iż-żewġ vesti, il-Qorti għandha ġurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-liġi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti għandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk ġiet mitluba u adita, li t-Tribunal jaġixxi fil-limti tal-liġi illi *in forza* tagħha huwa kkostitwit. Evidentement, u indubjament imbagħad, il-Qorti għandha s-setgħa li tara li t-Tribunal bl-ebda mod kiser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif proprju hawn allegat fil-proċedura in diżamina;

Illi skond l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ebda ċittadin ta' Malta ma għandu jiġi pprivat mil-libertà tiegħu ta' moviment, u għall-fini ta' dana l-artikolu din il-libertà tfisser id-dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li joħroġ minn Malta u d-dritt li jidħol Malta. Ir-rikorrent xehed li huwa ċittadin Malti u dan il-fatt ma ġiex ikkontestat. Hu paċifiku wkoll li r-rikorrent fil-preżent jinsab impedut milli jsiefer *in forza* tal-mandat ta' impediment tas-safar ottenut mill-intimata Chircop u *stante* ċ-ċaħda għall-ħruġ ta' kontro-mandat. L-intimati Clews, *Chairman* tat-Tribunal, u Chircop issottomettew li, in mertu, id-detenzjoni tar-rikorrenti hija waħda legali u, kif jiddisponi l-art. 44(2) tali restrizzjoni tal-libertà li tkun legali ma għandhiex titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu. Min-naħa l-oħra r-rikorrent irrefera għas-sub art. (3)(a) ta' l-art. 44 u l-partijiet imbagħad ilkoll taw interpretazzjoni li tiġġjova lit-teżi tagħhom fir-rigward tas-sub-inċiż (3)(d);

Il-partijiet lanqas setgħu jaqblu dwar in-natura tal-mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna, fis-sens ta' jekk dana l-mandat huwiex wieħed kawtelatorju jew inkella esekuttiv. In verità l-Qorti tħoss li għandha tirrileva li fl-istat attwali tal-vertenza, hemm deċiżjoni valida mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li għaliha diġà sar aċċenn u li ġiet deċiża fit-18 ta' April 1987. Għalkemm dina d-deċiżjoni tinsab pendenti fl-appell, dika l-Qorti, kif ippresjeduta, laqgħet it-talba ta' l-attur, ir-rikorrenti odjerni, biex dika s-sentenza tkun esegwibbli provviżorjament. Irriżulta wkoll li l-intimat Maġġur Clews bħala *Chairman* tat-Tribunal Industrijali kien inġib a konjizzjoni ta' dina d-deċiżjoni però, kif intqal, għażel li jinjoraha għal kollox. Billi reġgħet tqajmet il-kwistjoni dwar il-mandat ta' impediment tal-partenza mill-intimat Clews, jew aħjar mil-legali tiegħu, u

billi dan Clews ma kienx parti mill-proċeduri fil-kawża deċiża mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, ikun utili li l-Qorti preżenti tiċċara l-*posizzjoni mill-ġdid*;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jelenka l-mandat ta' impediment ta' safar tal-persuna fost *l*-atti kawtelatorji – ara art. 830(1)(e). Dawna l-mandati huma intiżi biex wieħed jista' jqiegħed fiz-zgug il-jeddijiet tiegħu, **mingħajr il-ħtieġa li qabel ikun hemm deċiżjoni.** Barra minn dan, l-istess Kodiċi jelenka dawk l-atti (ara l-art. 273) illi bihom skond ma jkun il-każ, tista' ssir l-esekuzzjoni tat-titoli eskuttivi. Ovvjament, il-mandat ta' impediment tas-safar mhux *imnizzel* magħhom għax dana l-mandat huwa wieħed kawtelatorju u mhux esekuttiv. Il-mandati esekuttivi ma jistgħux jinħarġu jekk ma jkunx hemm diġà *titolu esekuttiv. Min-naħa* l-oħra, mhux meħtieġ li jkun hemm deċiżjoni fir-rigward ta' l-atti kawtelatorji. Tinqala' għalhekk il-kwistjoni jekk dana jfissirx ukoll illi l-mandat *ta' impediment ta' safar jistax jinħareġ* **ukoll wara** deċiżjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti r-risposta hija fl-affermattiv u l-art. 870(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ċċitat mill-intimati hekk jindika. Jista' għalhekk jinħareġ dana l-mandat sabiex l-esekuzzjoni ta' sentenza tiġi assigurata. B'danakollu, tali proċedura m'għandha qatt tmur **kontra** l-iskop iddikjarat ta' dana l-mandat, jiġifieri dak illi titqiegħed fiż-żgur pretensjoni, u *li bis-safar tal-persuna kkonċernata, tali pretensjoni tista' tiġi* skartata – ara l-art. 855(1). Fi kliem ieħor, u kif *del resto* ddeċidiet il-Prim'Awla fil-preċitata sentenza, jekk il-pretensjoni *tinsab* ikkawtelata, allura ma hemmx aktar lok *għaż-żamma ta'* tali mandat. Huwa preċiżament għalhekk li dana l-mandat huwa wieħed ta' natura kawtelatorja. L-esekuzzjoni ta' sentenza ma tiġix attwata billi jinżamm fiżikament id-debitur ġudikat bħala xi ostaġġ. Jekk qatt kien hemm dubju – li ma kienx hemm –

dan ġie definittivament risolut *in forza* ta' l-art. 868 A ta' l-istess Kodiċi, liema dispositiv daħal fil-Kodiċi *in forza* ta' l-art. XII ta' l-1985. *In forza* ta' dina l-addenda, dana l-mandat in partikolari jista' jiġi rrevokat, fuq talba *ad hoc* għar-raġuni, fost diversi oħrajn, illi garanzija xierqa għas-sodisfazzjoni tal-pretensjoni tal-persuna li fuq talba tagħha jkun inħareġ il-mandat tista' tinkiseb jew bil-ħruġ ta' xi att kawtelatorju ieħor jew xort'oħra għas-sodisfazzjon tal-Qorti inċidentalment. Ir-riferenza għal xi ''att **kawtelatorju** ieħor'' tkompli turi x-xorta ta' dana l-mandat għal darb'oħra. Mela dana jfisser li *una volta* li l-ammont ta' flus involut jinsab ddepożitat sija fil-Qorti kif ukoll fit-Tribunal, oltre l-fatt li għal kull fini jirriżulta wkoll li l-intimata Chircop otteniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fir-rigward tas-soċjetà *Montreal Company Limited* u ieħor kontra r-rikorrent personalment, il-pretensjoni ossija kreditu tagħha huwa adegwatament ikkawtelat u bis-safar tar-rikkorrent tali pretensjoni jew kreditu dovut mhux ser jiġi eluż. Dana l-istat ta' fatt kien diġà jeżisti sa minn qabel li kien hemm deċiżjoni dwaru mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. *Multo magis* l-aġir ta' l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali sar aktar manifestament illegali *una volta* li ngħatat sentenza li kienet tinkludi u tinkorpora r-revoka taż-żewġ digrieti mogħtija mit-Tribunal Industrijali li permezz tagħhom kienet ġiet miċħuda t-talba tar-rikorrent Thomas Montalto għall-ħruġ ta' kontro-mandat għall-mandat ta' l-Impediment tas-safar numru 1 ta' l-1987. Dawn id-digrieti anzi ġew iddikjarati nulli u li jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li japplikaw għar-revoka ta' mandati ta' l-impediment tas-safar. Dana allura jfisser li l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, serjament abbuża mill-posizzjoni tiegħu meta għażel illi jinjora tali deċiżjoni li kellha tiġi esegwita provviżorjament, u l-aġir tiegħu jammonta wkoll

għall-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif hemm imnizzel fl-art. 44 ta' l-istess;

Illi dina l-vjolazzjoni kemm tal-liġijiet ordinarji tal-pajjiż kif ukoll tal-Kostituzzjoni għalhekk hija waħda evidenti u ma hemm ebda ħtieġa għal dina l-Qorti li toqgħod teżamina wkoll x'kiteb in propożitu l-ġurista Ourga Das Basu fil-kummentarju dwar il-Kostituzzjoni ta' l-Indja kif hekk ġiet invitata li tagħmel mid-difensur tar-rikorrent;

Niġu issa għall-posizzjoni legali u ġuridika ta' l-intimata Lucienne Chircop, imħarrka f'dina l-proċedura mir-rikorrenti "għall-interess li jista' jkollha". Id-difensur tagħha beda biex jispjega illi oriġinarjament hija, ċjoè l-intimata, ippreżentat it-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' impediment ta' safar kontra l-intimat quddiem it-Tribunal Industrijali però hija ġiet riferita għall-Qorti tal-Kummerċ. Wara illi inħareġ kontro-mandat minn dina l-Qorti, hija insistiet li jinħareġ il-mandat ta' impediment, din id-darba però fit-Tribunal Industrijali, imnejn wara kollox emanet l-*award* u a bażi wkoll tal-fatt li dana t-Tribunal Industrijali huwa munit bis-setgħa li jirċievi wkoll atti simili. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza li tat fil-kawża: **Montalto *vs* Chircop** (Ċit. 327/87VBC) deċiża fit-18 ta' April 1987 irriteniet li anke meta kien sar id-depożitu mir-rikorrent fil-Qorti tal-Kummerċ, il-kreditu ta' l-intimata kien diġà faċilment ikkawtelat. Billi dina l-kawża hija *sub judice* fil-Qorti ta' l-Appell ikun prudenti li dina l-Qorti tissofferma ruħha hawn għaliex il-posizzjoni **tal-lum** hija li, a parti d-depożitu li sar fil-Qorti tal-Kummerċ, hemm depożitu ieħor ta' l-ammont intier quddiem l-istess Tribunal Industrijali oltre mandat ta' sekwestru kontra r-rikorrent. Kwindi, il-kreditu in kwistjoni mhux biss huwa kkawtelat adegwatament għall-fini tal-ħruġ tad-

debitu kontro-mandat għall-mandat ta' impediment ta' safar tal-persuna imma bensì arċi-kawtelat. B'danakollu però l-Qorti tħoss li l-att ewlieni in vjolazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrent Montalto huwa l-konsegwenza tal-fatt li sal-lum l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, baqa' jirrifjuta li jottempra ruħu mal-liġi mingħajr dewmien illi jimxi skond is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' April 1987, li tagħha nġieb a konjizzjoni però ddeċieda illi jinjora; u mhux il-fatt li l-intimata Chircop otteniet ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar tal-persuna ieħor quddiem it-Tribunal Industrijali;

Riferibbilment imbagħad għad-domanda tar-rikorrenti fir-rikors promotur enumerata bin-numru tnejn (2), l-abili difensur ta' l-intimata Chircop ġustament issottometta li, kif magħmula, tali talba ma għandhiex u ma tistax tiġi milqugħa. Dan il-għaliex dina l-Qorti ma tistax toħroġ hi l-imsemmi kontro-mandat imma dan *se mai* għandu jinħareġ fuq ordni tagħha imma ma' l-intimat l-ieħor bħala *Chairman* tat-Tribunal Industrijali. Il-Qorti tikkondividi dina s-sottomissjoni, salv però li l-parti inizjali tat-talbiet tar-rikorrenti tinkludi wkoll fiha talba biex dina l-Qorti "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawn(k) l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq ta' l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.....". Kwindi taħt dina l-parti ġenerika dak illi qiegħed realment jitlob ġustament kif fuq intqal ir-rikorrenti Montalto jista' jiġi milqugħ xorta waħda anki biċ-ċaħda ta' l-imsemmija tieni talba **kif ifformulata**;

Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċidi r-rikors promotur in diżamina billi **tiċħad** fl-ewwel lok l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, kif ukoll ta' l-intimata Chircop, u dana għar-raġunijiet suesposti, **tiċħad** it-talba tar-

rikorrenti enumerata bin-numru tnejn (2) fit-termini kif ifformulata; **tilqa'** fl-istess waqt it-talba enumerata bin-numru wieħed (1) u tiddikjara għalhekk lill-intimat Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, ħati ta' ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti mill-artikolu 44 ta' l-istess Kostituzzjoni, u għal dana l-għan tordna biex mill-iktar fis l-imsemmi Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, joħroġ id-debitu kontro-mandat a favur ir-rikorrenti u riferibbilment għall-mandat ta' *impediment ta' safar* tal-persuna numru 1 ta' l-1987 ottenut mill-intimata Lucienne Chircop kontra r-rikorrenti Thomas Montalto. Il-kap ta' l-ispejjeż għandu jkun a *kariku ta' l-intimat* Clews, *Chairman* tat-Tribunal Industrijali, ħlief l-ispejjeż relattivi għat-tieni talba tar-rikors li fiċ-ċirkostanzi għandha tibqa' a kariku tar-rikorrent;

Fl-aħħarnett wara li kkunsidrat it-talba tar-rikorrenti għall-esekuzzjoni provviżorja ta' dina s-sentenza, kif ukoll l-opposizzjoni tal-kontro parti, u fil-waqt illi tirrileva li l-ordni għall-ħruġ ta' l-opportun kontro-mandat diġà messha ġiet esegwita provviżorjament a tenur tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *in re:* ***Montalto vs*** **Chircop** deċiża fit-18 ta' April 1987 (*Ċit. Nru. 327/87*), *tilqa'* wkoll u *mill-ġdid it-talba* tar-rikorrent għall-esekuzzjoni immedjata u provviżorja ta' dina d-deċiżjoni.